***- MANDAT TA' INIBIZZJONI –***

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Digriet tallum it-Tlieta 27 ta' Marzu 2018.**

**Rikors ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 410/2018/1/LSO fl-ismijiet:-**

**Allen Debono (ID 545779M)**

**vs**

**Marie Antoinette Debono (ID94781M)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors prezentata mir-rikorrenti Allen Debono pprezentat fit-12 ta' Marzu 2018.

Illi l-esponenti, sabiex jikkawtela l-kreditu hawn taht imsemmi kontra l-intimata, umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti li tordna l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimata sabiex tinzamm milli tbiegh, tnehhi, tittrasferixxi jew tiddisponi *inter vivos* sew b'titolu oneruz jew gratuwitu xi proprjeta`, u b'mod partikolari –

Il-Flat minghajr l-arja relattiva tieghu internament immarkat ittra C Numru 3 (C3) fis-*second floor level* formanti parti minn blokk akbar ta' bini bla numru ufficjali bl-isem "Bristol Close" fi Triq Papa Urbanu VIII Birkarkara.

Rat id-digriet tat-12 ta' Marzu 2018 fejn il-Qorti laqghet it-talba provizorjament u appuntat l-istess rikors ghas-smigh ghat-22 ta' Marzu 2018 f' 12:00pm, u ordnat in-notifika tal-istess rikors lill-kontro-parti b'erbat ijiem (4) zmien ghar-risposta.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma l-Hamis 22 ta' Marzu 2018 fejn meta ssejjah ir-rikors dehret l-intimata assistita minn Dr Christine Bellizzi. L-intimata tat ruhha b'notifikata bil-mandat odjern. Ir-rikorrent u d-difensur tieghu msejha tliet darbiet ma dehrux. Dr Bellizzi ghall-intimata prezenti iddikjarat li ma toggezzjonax ghall-hrug tal-Mandat ta'

Inibizzjoni odjern, billi t-talba tal-lum saret fl-isfond tat-tnehhija ta' Mandat ta' Sekwestru fl-istess ismijiet. Il-Qorti ghalhekk halliet r-rikors ghal digriet kamerali.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha pprezentati.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi r-rikorrent qed jitlob il-hrug tal-mandat odjern sabiex jikkawtela kreditu pretiz ta' erbghin elf ewro (€40,000) rapprezentanti danni li allegatament sofra meta tressaq akkuzat b'reati li wara gie liberat minnhom.

Premess li l-ghan ta' talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni huwa dak li jzomm persuna milli taghmel xi haga li tista' tkun ta' hsara jew pregudizzju lil parti li titlob il-hrug tal-mandat **(Artikolu 873 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta).**

Rat li l-mandat kif ifformulat sar fit-termini **tal-artikolu 874 tal-Kap 12** u ghalhekk, skont l-istess disposizzjoni kif assodata wkoll fil-gurisprudenza taghna, mhuwiex mehtieg li r-rikorrent jipprova li l-hrug tal-mandat huwa mehtieg irrimedjabbilment.

Rat ukoll li *ai fini* tal-**artikolu 874(2)** kif emendat bl-Att XIV tas-sena 2016, gie esebit abbozz ta' nota ta' iskrizzjoni biex tigi registrata fir-Registru Pubbliku f'kaz li t-talba odjerna tigi milqugha.

Illi *in visto* tal-ammissjoni tar-rikorrenti din il-Qorti ser tghaddi biex tilqa' t-talba.

**Decide**

Ghaldaqstant, il-Qorti wara, li rat l-atti kollha relattivi, taqta' u tiddeciedi billi, anke *in visto* tal-ammissjoni tal-intimata, tilqa' t-talba ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni fil-konfront tal-intimata kif dedotta.

L-ispejjez huma a karigu tal-intimata.

**Degretat.**

**Onor. Mhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**27 ta' Marzu 2018**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**27 ta' Marzu 2018**